MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 45/2006

**Kirton & Co. Limited (C 180)**

**vs**

**Pari Yachting Limited (C 33263)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tmien mija u tlieta u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm2,843.70), liema somma hija dovuta ghal diversi xogholijiet u servizzi pprovduti oltre spejjez inkorsi, lkoll fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u dan (a) kwantu ghal Lm599.98 skond fattura datata 26 ta' Novembru, 2004, (b) kwantu ghal Lm2,026.90 skond fattura datata 7 ta' Lulju, 2005 u (c) kwantu ghal Lm216.82 skond fattura ohra datata 26 ta' Novembru, 2005 (kopji tal-fatturi relattivi oltra ghal prospett annessi u mmarkati bl-ittri "A" sa "D") rispettivament.

Bl-ispejjez tar-rikors ghas-smigh, ta' l-ittra nterpellatorja datata 27 ta' Jannar, 2006 (kopja Dok. "E" annessa), flimkien ma' l-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socejta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-20 ta' Marzu, 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------